# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.**

**ILLUM 8 ta' Marzu, 2001.**

**Kawza Nru. 14.**
**Citazz. Nru. 1041/00 JRM**

**GASANMAMO INSURANCE AGENCY LTD gja' Gasan Insurance Agency Limited u din bhala agent u mandatarja tas-Socjeta' estera CGU Insurance plc ta' Perth, Scotland, gja' General Accident Fire and Life Assurance Corporation plc, kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Charles Mercieca skond il-ligi u skond il-polza tal-assigurazzjoni (Claim 968034)**

**vs**

**Christopher SPITERI u Antoine SULTANA.**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni mressaq fil-25 ta' Mejju, 2000, li bih is-Socjeta' attrici ppremettiet:

Illi fit-23 ta' Jannar 1996 sehhet serqa permezz ta' zgass mid-dar tar-residenza ta' Charles Mercieca, Latnija, St. Mary Street, San Pawl tat-Targa, ghalhekk l-istess Charles Mercieca garrab hsara fil-proprjeta' tieghu kif ukoll serq ta' diversi oggeti;

Illi l-istess Charles Mercieca kien assigurat mas-socjeta' attrici u wara li saru d-debiti valutazzjonijiet u surveys, il-claim li kien gie maghmul mill-istess Charles Mercieca mas-socjeta' attrici gie valutat fl-ammont ta' sitt elef tmien mija u hamsa u sittin lira (Lm6,865);

Illi fil-fatt Charles Mercieca accetta dina l-istima u s-socjeta' attrici hallsitu l-istess somma u b'hekk giet debitament surrogata fid-drittijiet tal-istess assigurat;

Illi in segwitu rizulta illi ghal dan l-incident kienu responsabbli l-konvenuti, liema konvenuti interpellati sabiex jersqu ghall-hlas tal-imsemmija danni baqghu inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti solidarjament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghall-konsegwenzjali hsarat u nuqqassijiet;

2. Tikkundanna lill-konvenuti solidarjament sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef tmien mija u hamsa u sittin lira (Lm6,865) ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez u bl-interessi mit-18 ta' Ottubru 1999, data ta' ittra ufficjali, kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-xiehda tas-Socjeta' attrici;

Rat id-Degriet ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tas-16 ta' Gunju, 2000, li bih appuntat il-kawza ghas-smiegh ghall-14 ta' Lulju, 2000;

Rat illi l-imharrek Christopher Spiteri, notifikat kif imiss fl-20 ta' Gunju, 2000, (pagna 6 u 7 tal-process) bl-att tac-Citazzjoni u bl-Avviz tas-smiegh tal-kawza, naqas li jressaq Nota tal-Eccezzjonijiet jew li jidher biex jikkontesta l-azzjoni tas-Socjeta' attrici meta l-kawza giet imsejha, u b'hekk waqa' kontumaci;

Rat illi l-imharrek Antoine Sultana, ukoll notifikat bl-istess mod fis-27 t'Awissu, 2000 (pagna 9 tal-process), ukoll waqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, u b'mod partikolari n-Nota tas-Socjeta' attrici tas-27 ta' Dicembru, 2000, u s-sbatax-il (17) dokument mehmuzin maghha (pagni 11 sa 44 tal-process), u n-Nota tat-23 ta' Jannar, 2001, flimkien mat-tliet (3) dokumenti mehmuzin maghha (pagni 49 sa 57);

Semghet ix-xiehda mressqa mis-Socjeta' attrici;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukat tas-Socjeta' attrici;

Rat id-Degriet taghha tat-23 ta' Jannar, 2001, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi din il-kawza tirrigwarda talba li s-Socjeta' attrici qeghda taghmel kontra l-imharrkin minhabba li hija kkumpensat lill-assikurat taghha Charles Mercieca ghall-hsarat imgarrbin minnu b'risultat ta' serqa li saret mid-dar tieghu f'San Pawl tat-Targa, fit-23 ta' Jannar, 1996, u li fiha s-Socjeta' attrici tghid li l-istess imharrkin kellhom x'jaqsmu;

Illi x-xhieda mressqa mis-Socjeta' attrici toqghod taht zewg kategoriji: dik dwar il-hsara mgarrba mill-assikurat taghha; u dik dwar is-sehem li l-imharrkin kellhom fil-grajja tas-serqa mid-dar tal-assikurat taghha;

Minhabba li l-imharrkin baqghu kontumaci, il-Qorti fliet bl-akbar reqqa l-imsemmija xhieda biex tkun tista' tasal biex twettaq haqq dwar it-talbiet attrici;

Illi, ghal dak li ghandu x'jaqsam mas-sehem tal-imharrkin fis-serqa, is-Socjeta' attrici ressqet lill-Ispettur tal-Pulizija David Saliba. Dan fisser x'kien sab waqt l-inkjesta tieghu wara li giet raportata s-serqa, u wkoll esebixxa t-tliet (3) stqarrijiet maghmula mill-imharrkin waqt l-investigazzjonijiet;

Illi kemm l-imsemmi ufficjal tal-Pulizija u kif ukoll l-avukat Peter Borg Costanzi, ghas-Socjeta' attrici, xehdu li l-imharrkin stqarrew is-sehem taghhom fis-serqa mertu tal-kaz quddiem il-Magistrat inkwirenti meta dawn tressqu b'arrest quddiemu;

Illi l-istqarrija tal-imharrek Antoine Sultana mhollija fid-9 t'April, 1998 (pagni 50 sa 52 tal-process) u ffirmata minnu, tghid b'mod car li hu u l-imharrek l-iehor kellhom x'jaqsmu mas-serqa mertu tal-kaz. M'humiex daqstant diretti z-zewg stqarrijiet imhollija mill-imharrek l-iehor Christopher Spiteri fid-9 t'April, 1998, u fl-14 ta' Novembru, 1998 (pagni 53 sa 57), li l-imharrek ghazel ukoll

li ma jiffirmax. Iz-zewg imharrkin, madankollu, jaqblu li kienu ghamlu ghadd ta' serqiet flimkien minhabba li dak iz-zmien kellhom bzonn il-flus biex ikunu jistghu jiksbu d-droga li t-tnejn li huma kienu waqghu fil-vizzju taghha;

Illi, b'dan li tressaq quddiem din il-Qorti, jirrisulta li s-sehem tal-imharrkin fis-serqa li garrab l-assikurat tas-Socjeta' attrici huwa pruvat sewwa;

Illi dwar il-hsara mgarrba minn Mercieca, is-Socjeta' ressqet lis-surveyor Gaston DeGiovanni li hejja Survey Report esebit man-Nota tas-Socjeta' attrici [ara Dok "A" f'pagni 12 sa 24 tal-process] u li tfassal wara access li sar fid-dar tal-assikurat dakinhar stess li giet rapportata s-serqa bi sgass;

Illi l-imsemmi rapport jistma li l-hsara lill-bini (tkissir ta' bibien u aperturi) fis-somma ta' hames mitt lira maltin (Lm500). Aktar konsistenti huwa l-valur tal-oggetti misruqin mid-dar, li fir-rapport gew maqsuma taht tliet (3) kategoriji u moghtijin *adjusted loss value* ta' Lm6638;

Illi l-assikurat kien ressaq claim fil-5 ta' Frar, 1996 [Dok "B" f'pagni 25 sa 28 tal-process]. Rapport lill-Pulizija, kif inghad qabel, sar dak inhar stess tas-serqa;

Illi, wara li saru l-accertamenti mehtiega mis-Socjeta' attrici, fit-23 ta' Marzu, 1996, l-assikurat Charles Mercieca accetta li jircievi kumpens minghandha ghas-somma globali ta' Lm6865 [Dok "Q", f'pagna 44 tal-process] ghas-saldu ta' kull pretensjoni li seta' kellu ghall-hlas dwar l-imsemmija serqa;

Illi, ghalkemm l-imsemmi Dokument mhux ricevuta, wiehed ghandu ghaliex jifhem li s-Socjeta' attrici fil-fatt hallset lill-assikurat taghha l-imsemmi ammont. Ma tressqet l-ebda prova li tichad li dan sar, kontra d-Dikjarazzjoni tas-Socjeta' attrici li hallset dak l-ammont;

Illi, minn dan kollu jsegwi, li ladarba gie muri li l-imharrkin kellhom x'jaqsmu mas-serqa; ladarba tressqu provi dwar

x'inhuma l-oggetti li nsterqu; ladarba tressqu provi dwar il-valur tal-oggetti misruqa jew imhassrin; u ladarba ntwera b'mod xierqa li s-Socjeta' attrici, mit-tiftix li ghamlet, qieset li kienet marbuta taht il-kuntratt tal assikurazzjoni li twettaq ir-risarciment tad-danni mgarrba lill-assikurat taghha, dan igib li l-imharrkin ghandhom iwiegbu ghall-hlas hekk imwettaq mis-Socjeta' attrici u din kif surrogata fil-jeddijiet tal-assikurat taghha fil-ligi u bis-sahha tal-imsemmi kuntratt;

Ghalhekk, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi, fil-kontumacja tal-konvenuti:

**Tilqa' l-ewwel talba attrici** u tiddikjarahom responsabbli ghall-incident tas-serqa li sehhet fit-23 ta' Jannar, 1996, mill-fond "Latnija", Triq Santa Marija, San Pawl tat-Targa; u

**Tilqa' t-tieni talba** u tikkundannahom b'mod solidali li jhallsu lis-Socjeta' attrici s-somma ta' Lm6865, bhala risarciment tal-kumpens imhallas minnha lill-assikurat taghha minhabba l-imsemmija serqa.

L-ispejjez, u kif ukoll l-imghaxijiet legali fuq is-somma msemmija fit-tieni talba b'effett mit-18 t'Ottubru, 1999, sal-jum tal-hlas effettiv, jithallsu mill-imharrkin.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**8 ta' Marzu, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**8 ta' Marzu, 2001.**